MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 249/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maryanne Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maryanne Bonnici talli fil-kwalita` taghha ta’ direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta` Health Service Group Limited (C16298) b’ufficcju registrat Old Railway Road, Santa Venera, u/jew bhala l-persuna li kont nkarigata mill-istess socjeta` sabiex thallas il-pagi dovuti nqast li thallas il-pagi kollha fl-ammont ta’ Lm796.29 dovuti lill-ex-impjegata tas-socjeta` fuq imsemmija Cortis Charmaine fit-tmiem l-impieg taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta’ l-14 ta’ Marzu 2007 li permezz taghha ma sabitx lill-imsemmija Maryanne Bonnici hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha lliberatha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-28 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u, wara li tisma’ l-provi dwar il-kaz, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti x’aktarx illiberat lill-appellata minhabba li r-rapprezentant ta’ l-E.T.C. qal li Charmaine Cortis ma kenitx irregistrata ma’ dik il-KJorporazzjoni bhala impjegata ta’ Health Services Group Ltd. Jghid illi dan imur kontra l-ispirtu u l-intenzjoni tal-legislatur meta ppromulga l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta). L-appellant jirreferi ghall-artikolu 2 ta’ l-imsemmi Att li jistipula li l-kelma “impjegat” tfisser:

**“persuna li tkun ghamlet jew tahdem taht kuntratt ta’ servizz jew li tkun intrabtet personalment li taghmel xi xoghol jew hidma ghal haddiehor, u taht id-direzzjoni u l-kontroll immedjat ta’ persuna ohra, u tinkludi haddiem ta’ barra, izda teskludi xoghol jew servizz moghti fi sfond professjonali jew bhala kuntrattur ghal persuna ohra meta dak ix-xoghol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta’ servizz specifiku.”**

Skond l-appellant Charmaine Cortis hija infermiera professjonista ai termini tat-Taqsima IV tal-Kap. 464 u cioe` l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha u hija

effettivament kellha kuntratt ta' servizz hekk kif definit fil-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe`:

**"'kuntratt ta' servizz' u 'kuntratt ta' impieg' tfisser ftehim (barra minn servizz bhala membru ta' forza dixxiplinata), sew jekk bil-fomm jew bil-miktub, f'kull ghamla li tkun, li bih persuna tintrabat li taghmel servizz lil jew tahdem ghal principal bil-hlas ta' paga u safejn ghandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet ta' l-impieg jinkludi ftehim ta' apprendistat."**

Ghaldaqstant, jghid l-appellant, minkejja li Charmaine Cortis ma kenitx irregistrata ma' l-E.T.C., dan ma jfissirx li ma kenitx protetta mill-Kap. 452. Id-drittijiet ta' l-impjegati huma regolati mill-Kap. 452 u mhux mill-Kap. 343 u ma hemm xejn la fil-Kap. 452 u l-anqas fil-Kap. 343 li ghax persuna ma tkunx registrata ma' l-E.T.C. allura dik il-persuna ma titqiesx bhala impjegata ai finijiet tal-Kap. 452.

Mix-xiehda mismugha, il-fatti saljenti tal-kaz jirrizulta li huma s-segwenti:

**Charmaine Cortis** xehdet li hi qatt ma kellha x'taqsam ma' l-appellata u li kein ir-ragel taghha li kien ghamlilha *interview* u eventwalment haddimha. Dan kien fl-14 ta' Frar 2005 u l-ghada bidet tahdem mieghu. Ftehmu li se je jhaddimha *on a part-time basis*. Xoghlha huwa ta' *staff nurse* u kien jibghatha fi klinici differenti bhal Malta Shipyards, il-Freeport Terminal, il-Forensic Unit ta' Mount Carmel Hospital, u Mater Dei Hospital meta kien ghad hemm il-*work in progress*. Il-ftehim kien wiehed verbali. Pagamenti kienu jsiru xahrejn b'lura. Hija waqfet tahdem mieghu wara li rrejalizzat f'nofs Novembru li shabha l-ohra li kienu qed jahdmu mieghu bl-istess kondizzjonijiet kien hargilhom ic-cekk u taghha ma kienx hareg. Hija cemplet lill-*payroll clerk* biex issaqsiha jekk kienx inhareg ic-cekk taghha ta' Settembru. Ix-xhud qalet li l-iskrivana wegbitha li c-cekk kien hareg izda li s-Sur Bonnici kien waqqafha milli timpustahulha ghax qallha li ried itihulha personalment. Hija cemplet lis-Sur Bonnici dwar ic-cekk. Sadattant kienet sabet impjieg *full-time* u ma kenitx

baqghet tahdem mieghu daqshekk regolari. Skond ix-xhud, is-Sur Bonnici qallha: “Ma tarax li mhux se nhallsek, ma jmissekx tisthi tehodli posti, tehodli x-xoghol tieghi?” Qabbadha ma’ huh Philip Bonnici li kien izommlu l-*accounts* tal-kumpanija u dan qallha li ma kinux sejrin ihallsuha. Hija zammet *record* tal-hinijiet kollha li kienet hadmet u ghaddiethom lil-Labour Office. Mistoqsija tistax tispjega d-diskors li kien qallha s-Sur Bonnici dwar li jmissha tisthi tehodlu postu, ix-xhud spjegat li f’Settembru kien hareg avviz fil-gazzetta li l-Malta Shipyards riedu *full-time staff nurse* ghall-klinika tal-Marsa. Hija applikat u ntaghzlet. Peress illi s-Sur Bonnici kien jipprovdi servizz ta’ *nurses* ghal dik il-klinika, huwa hadha li x-xhud Cortis kienet haditlu postu.

**Paul Aquilina** xehed dwar l-*employment history* ta’ Charmaine Cortis. Qal li l-ahhar *engagement form* kien li giet impjegata mal-Malta Shipyards Ltd bhala *nurse* b’effett mill-31 ta’ Ottubru 2005. Qabel kienet ma’ Casa Antonia Ltd. sal-31 ta’ Dicembru 2004. Mill-1 ta’ Jannar 2005 sal-31 ta’ Ottubru 2005 dehret li ma kienet impjegata mkien ghax l-ETC ma kinitx infurmata.

Quddiem l-ewwel Qorti gew esebiti diversi dokumenti minn Ivan Spiteri Lucas in rapprezentanza tad-Dipartiment ta’ l-Impiegi u Relazzjonjiet Industrijali li jinkludu dokument li juri lill-appellata bhala Direttur tas-socjeta` Health Services Group Ltd., ittra datata 16 ta’ Mejju 2006 li huwa kiteb lis-socjeta` msemmija dwar il-pretensjoni ta’ Charmaine Cortis, FSS3 datat 28 ta’ Jannar 2006 ghas-sena 2005 mahrug mill-imsemmija socjeta` dwar l-istess Charmaine Cortis, ittra datata 22 ta’ Mejju 2006 mill-Avukat Dottor Martin Fenech bi twegiba ghall-ittra ta’ Ivan Spiteri Lucas fejn qal li Charmaine Cortis ma kinitx impjegata izda kienet *self-employed*, korrispondenza ohra bejn Dottor Fenech u l-Avukat Dottor Joseph Chetcuti f’isem Charmaine Cortis. Inoltre quddiem l-ewwel Qorti, ix-xhud Paul Aquilina esebixxa l-*employment history* ta’ Charmaine Cortis.

L-appellata qieghda ssostni li ma ngabitx prova ta’ l-impjieg ta’ Charmaine Cortis u dan peress illi hija kienet

*self-employed*. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-provi juru l-kuntrarju. L-ewwelnett hemm ix-xiehda ta’ Charmaine Cortis li tiddeskrivi kif hija giet “impjegata” fuq bazi *part time* mas-socjeta` msemmija. L-FS3 rilaxxat mis-socjeta` Health Services Group Ltd. imbaghad juri proprju dan, cioe` li hija kienet qed tahdem ma’ dik is-socjeta` fuq bazi *part time*, u sahansitra tnaqqsitilha ammont ta’ taxxa mill-paga dovuta lilha biex tithallas direttament mis-socjeta` msemmija lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Imbaghad, harsa lejn l-*employment history* ta’ Charmaine Cortis li jmur lura sas-sena 1986 turi li f’kull xoghol li ghamlet hija kienet dejjem impjegata, anke meta kienet qed tahdem *part time*. Difficilment din il-Qorti tista’ tasal ghall-konkluzjoni li l-appellata qed tinsisti dwarha li, wara tant snin bhala impjegata, Charmaine Cortis f’daqqa wahda bdiet tahdem bhala *self-employed*. Anke l-ahhar xoghol li hadet mal-Malta Shipyards huwa bhala <u>impjegata</u>, din id-darba fuq bazi *full time*. Ghalhekk din il-Qorti tqis immaterjali li ma saret l-ebda prova dwar jekk kinitx tiehu *leave* jew *sick leave*. Imbaghad, kwantu ghall-hlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali, huwa minnu li fl-FS3 m’hemm l-ebda indikazzjoni li sar xi hlas mill-Health Services Group Ltd. jew tnaqqis minn dak dovut lil Charmaine Cortis ghal dan l-iskop; izda hawn m’ahniex qed nittrattaw kaz dwar nuqqas ta’ hlas ta’ kontribuzzjonijiet skond il-ligi izda dwar nuqqas ta’ hlas ta’ paga.

Il-verita` hi li s-socjeta` msemmija rrifjutat li thallas lil Charmaine Cortis mhux ghax *self-employed* izda minhabba dak li allegaw li ghamlet skond l-ittra ta’ l-Avukat ta’ dik is-socjeta` tas-7 ta’ Dicembru 2005, cioe` li “serqet” lix-Shipbuilding minghandhom u b’hekk “telfet” mid-dhul ta’ l-istess socjeta` - u dan meta, kif xehdet Charmaine Cortis u ma gietx kontradetta, hi kienet semplicement applikat ghal sejha li kienet saret fil-gazzetti mill-Malta Shipyards.

Konsegwentement l-aggravju ta’ l-Avukat Generali sejjer jigi milqugh.
Dwar l-ammont pretiz minn Charmaine Cortis ma saret l-ebda kontestazzjoni. Din giet komputata fl-ammont ta’

Lm796.29 kif jidher mill-ittra tas-16 ta' Mejju 2006 esebita minn Ivan Spiteri Lucas. Fl-ittra ta' l-Avukat Dottor Martin Fenech tas-7 ta' Dicembru 2005 f'isem il-Health Services Group Ltd. jintqal bla ebda tlaqliq li *"l-klijent tieghi jirrikonoxxi li hemm xi flus dovuti lilek"*. Kull kumment iehor hu superfluwu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata ta' l-14 ta' Marzu 2005, tiddikjara lill-appellata hatja ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha ghall-hlas ta' multa ta' mitejn tlieta u tletin (233) euro u tordna li l-appellata thallas lil Charmaine Cortis is-somma ta' elf tmien mija erbgha u hamsin euro u sitta u tmenin centezmu (1854.86) ekwivalenti ghal seba' mija sitta u disghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm796.29).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------